MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2004

Numru. 1030/2002

Il-Pulizija
(Spettur Ramon Mercieca)
vs
Brian Mallia

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Brian Mallia, detentur tal-karta ta' l-identita numru 321374(M), li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli matul il-gurnata tat-18 ta' Lulju, 2002, mill-Muzew tal-Gugarelli sitwat f'No. 222, Triq ir-Repubblika, l-Belt Valletta, flimkien ma persuna ohra mhux maghrufa :

1) Ikkommetta serq ta' kaxxa tal-hadid li fiha kien hemm is-somma ta' LM113, ghad-dannu ta' Vincent Brown minn B'Kara, liema serq huwa aggravat bil-valur u dan bi ksur ta' Artikoli 261(c) u 267 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-provvedimenti ta' l-Artikoli 5 u 9 tal-Kap. 152 tal-Ligijiet ta' Malta, bi tlett sentenzi li gew imposti fuqu mill-Qorti tal-Appell datati 17/5/1996 u mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) mill-Magistrat Dr A. Lofaro LL.D. datata 7/2/2002 rispettivament;

U aktar talli b'hekk sar recidiv b'sentenzi li saru definittivi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 16/8/1991 (Awla "J") u mill-Qorti tal-Appell datata 26/4/1995 rispettivament;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma ghandux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Ikkunsidrat illi minkejja il-fatt illi l-Qorti kienet ghamlitha cara fis-seduta taghha tat-22 ta' Dicembru, 2003 illi jekk id-difiza ma kienitx ser tikkonkludi l-provi taghha u tghaddi ghat-trattazzjoni finali fis-seduta li kien ser imiss il-Qorti kienet ser tghaddi ghas-sentenza fuq il-provi illi kellha, fis-seduta tal-11 ta' Marzu, 2004 deher l-Avukat Difensur u talab differiment iehor, u fis-seduta tal-10 ta' Gunju, 2004 l-avukat difensur imsejjah tlett darbiet ma deherx, minkejja l-fatt illi l-kawza kienet ilha zmien twil differita ghall-provi tad-difiza. Ghalhekk il-Qorti irreferiet ghall-verbal taghha tat-22 ta' Dicembru, 2003 u halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum u dana peress illi l-Qorti ma tistax tippermetti aktar dewmien mhux gustifikat fi proceduri pendenti quddiemha.

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi l-imputat fuq imsemmi, meta irrilaxxja l-istqarrija tieghu lill-pulizija; liema stqarrija ghazel ukoll illi jiffirmaha, u dan fit-12 ta' Novembru, 2002, a fol. 16 u 17 tal-process, huwa ammetta illi ikkommetta s-

serq in kwistjoni, ammetta illi seraq il-kaxxa tal-flus imsemmija u li l-flus illi kien seraq kien nefaqhom. Mistoqsi kienx qieghed jiehu l-methadone l-imputat wiegeb illi huwa jiehu l-methadone u li kien bi hsiebu wkoll jibda programm ghar-riabilittazzjoni mid-droga. Huwa iddikjara wkoll fl-istqarrija tieghu illi kien iddispjacih ta' dak illi ghamel u kien dispost li jhallas lura l-flus illi kien seraq.

Illi irrizulta wkoll mill-provi illi fil-jum, hin u lok imsemmi fl-imputazzjoni Antonia Grioli kienet impjegata it-Toy Museum, Republic Street, il-Belt Valletta bhala salesgirl. Min jidhol biex jara l-Museum ihallas il-biglett u jaghti l-flus lilha. Fil-kaz de quo dahal l-imputat ma guvni iehor, qalulha li kienu Russi, ghall-ewwel qaghdu iduru 'l hemm u 'l hawn, qaltilhom li riedu jhallsu l-biljett sabiex jidhlu fil-Musew tat-Toys, umbaghad telqu 'il barra. Wara ftit regghu gew, hallsu permezz ta' five Euros, taghthom il-biljetti, qaghdu iduru l-Muzew u huma u nizlin marru fuqha b'pushchair tat-toys u hi spjegatilhom illi ma setghu jixtru xejn mill-Muzew. Haditilhom l-affarijiet u regghu telqu. Huma bdew ikellmuha b'Ingliz infarrak u hi bdiet tindikalhom li f'Casa Rocca Piccola jista jkun li kien hemm xi toys antiki ghall-bejgh u rathom dehlin hemm hekk, regghu hargu u regghu gew ghandha. Wiehed minnhom beda jghidilha li kien sajjied u beda jaghmilha sinjal illi kellu t-tfal u jghidilha "money no problem". Ix-xhud indikatlu l-armatura fejn kien hemm xi affarijiet li jistghu jinxtraw, qaltlu, "Dak biss hemm ghall-bejgh", izda hu baqa' jinsisti li ried il-pushchair, kif ukoll "abacus". Ix-xhud kompliet tispjega illi mhux l-imputat beda jghidilha dawn il-kliem, izda dak li kien hemm mieghu. L-imputat baqa' isfel. L-imputat fethilha l-kexxun u serqilha il-kaxxa. Hija xehdet illi ma ratux jiehu l-kaxxa imma ratu jiftah il-kexxun. Umbaghad l-imputat ghajjat ghajta u l-iehor telaq jigri. Kif nizlet hija marret tiftah il-kexxun u sabet illi l-kaxxa ma kienitx hemm hekk. Flus fil-kaxxa ix-xhud qalet illi kellha mija u tletax il-lira. Ix-xhud gharfet lill-imputat prezenti fl-awla bhala wiehed mill-persuni illi kienu fil-hanut u precizament bhala l-bniedem li kien fetah il-kexxun fejn kien hemm il-kaxxa tal-flus, u dana peress illi l-imputat ghandu "tattoo" taht ghajnejh. Ix-xhud qalet illi meta sehhet is-serqa in kwistjoni ma kien hemm hadd fil-Musew

tat-“toys” hlief ghall-imputat u siehbu. Ix-xhud xehdet ukoll illi kienet rat lill-imputat ihares lejn il-kaxxa tal-flus meta gew turisti ohrajn u hallsuha, u ratu josserva il-flus li kellha fil-kaxxa imsemmija.

Il-Qorti ikkunsidrat il-fatt illi l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova wkoll l-akkuza tar-recidiva peress illi gew esebiti diversi sentenzi u l-Avukat Difensur tal-imputat ezenta lill-Prosekuzzjoni milli tressaq ix-xhieda ghall-fini ta’ l-prova ta’ l-identita tas-sentenzi esebiti, dan jirrizulta a fol. 51 tal-process.

Il-Qorti ikkunsidrat ukoll il-fatt illi meta irrilaxxja l-istqarrija tieghu l-imputat jirrifjuta illi isemmi min kienet il-persuna l-ohra li kienet prezenti mieghu meta sehhet l-imsemmija serqa.

Illi xehdu l-Assistent Kummissarju Michael Cassar u l-Ispettur Stephen Gatt, kif ukoll l-Ispettur Paul Camilleri ghall-fini ta’ l-prova ta’ l-identita ta’ whud mis-sentenzi esebiti.

Illi xehed ukoll l-imputat fuq imsemmi minn jeddu u bil-gurament u qal illi ghandu l-problema tad-droga u li kien ghadu ma ghamel l-ebda programm ghall-riabilitazzjoni mid-droga u dana peress illi fil-Caritas hemm huh, f’Santa Marija hemm huh iehor u ghalhekk, skond l-imputat, ma hallewhx jidhol jaghmel il-programm. L-imputat qal ukoll illi ghandu l-problema tal-uzura, izda meta mar jaghmel rapport lill-pulizija dwar l-uzura il-pulizija ma tawx kaz tieghu u ma hadux ir-rapport. L-imputat ammetta wkoll illi ghalkemm kien iprometta li jrodd il-flus lura li kien seraq huwa dan baqa ma ghamlux. L-imputat ikkonferma li kien ammetta illi kien seraq mal-pulizija fl-istqarrija tieghu u qal illi kien serq ghaliex kien “sick” u dak iz-zmien kien gie anke sospiz mid-detox ghal xi xahar. L-imputat xehed illi ghadu jmur id-detox u ghadu jiehu wkoll id-droga, izda inqas minn qabel (fol. 61 tal-process). L-imputat xehed ukoll illi apparti dan il-kaz ghandu kazijiet ohra pendenti u allura l-habs ma jhalluhx jaghmel programm ghar-riabilitazzjojni mid-droga.

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tiddikjara illi l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova l-akkuzi kollha migjuba kontra l-imputat u ghalhekk qeghda ssib lill-istess imputat hati ta’ l-akkuzi kollha migjuba kontrih, u dan wara illi l-Qorti rat l-Artikoli 261(c), 267, 279, l-Artikoli 49, 50, 17 u 31 tal-Kap. 9 u l-Artikoli 5, 9 u 10 tal-Kapitolu 152, illi illum huwa il-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta’ piena l-fatt illi l-imputat ghandu fedina penali twila hames faccati, fejn fost affarijiet ohra, gie misjub hati diversi drabi ta’ serq aggravat u gie moghti diversi opportunitajiet mill-Qrati taghna sabiex jirriforma hajtu, izda ma hataf l-ebda wahda minn dawn l-opportunitajiet, u, minflok, baqa’ sejjer fil-hajja ta’ kriminalita’.

Illi, inoltre, l-imputat ma ghamel l-ebda sforz sabiex jipprova jeghleb il-problema li ghandu tad-droga u lanqas biss irrestitwixxa l-flus illi seraq, kif ukoll in vista tal-fatt illi l-imputat huwa recidiv u kiser il-provvedimenti tal-Artikoli 5 u 9 tal-Kap 152 (illum Kap. 446). Il-Qorti ghalhekk tara illi l-piena xierqa ghar-reat li gie kommess hija biss dik ta’ prigunerija u ghaldaqstant qeghda tikkundanna lill-imputat, misjub hati kif diga intqal, ghall-prigunerija ta’ sentejn u nofs.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------